TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Deċizjoni Numru:2969

KAZ NRU: 4124/JB

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

John Fenech K.I.Numru 649382 M

Vs

Tas-Sold Construction Limited (C-41072)

Illum, 09.02.2024

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Chairman : Is-Sur John Bencini B.A.(Hons)Lic.Phil., M.O.M

FATTI TAL-KAŻ (Fil- Qosor)

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors ta' John Fenech tramite l-Avukati Johann Debono u Nicolette Schembri fid-9 ta' Jannar ,2023. F'dan ir-rikors, John Fenech, jesponi li kien ilu fl-impieg mas-Socjeta' Intimata bħala lavrant madwar tlettax (13) il-sena, fejn kien jagħmel xogħol vast relatat mal-kostruzzjoni. Fit- tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru, 2022, huwa rrapporta għax xogħol madwar, fejn f'dik il-ġurnata kien ilu madwar nofs ta' nhar xogħol qabel ma safa mkeċċi inġustament minn fuq il-lant tax-xogħol u mingħajr ebda ġustifikazzjoni. Ġara illi, f'hin minnhom waqt il-lant tax-xogħol, Paul Magri K.I 487887(M), li huwa Azzjonist fi ħdan il-kumpanija ntimata, beda jidgħi mar-rikorrenti u iddeċieda li jkeċċih, tant illi kien ordnalu jħalli l-vann tax-xogħol li kien jaħdem bih John Fenech, flimkien maċ-ċwievet tal-istess vann, b'turija li t-tkeccija kienet waħda definittiva.

Dak in-nhar fit-28 ta'Settembru, 2022, ma kien hemm ebda raguni ghal din it-tkeccija tar-rikorrent u difatti fl-imsemmi jum, l-istess mgħallem tar-rikorrenti bla ebda sens ta' ċiviltà' u dinjita', naqas serjament fir-rispett u fid-doveri tiegħu, *stante* l-mod u manjiera kundannabbli ta' kif sehhet it-tkeċċija nġusta, li lanqas ma kienet ibbażata fuq xi raġuni partikulari kif ser jidher ċar f' dawn il-proceduri.

Per di piu', ir-rikorrenti John Fenech ma kien ingħata ebda twissija antecedenti, la mid-Direttur tal-kumpanija intimata, Emanuel Buhagiar K,I: 530762(M) u lanqas mill-imsemmi Paul Magri, la verbali u wisq anqas bil-miktub u għalhekk, din it-tkeċċija hja wahda ingusta ghall-ahhar, u sintendi wkoll ma kienet xejn mistennija, speċjalment

meta wiehed iqis it-trapass tas-snin kollha li fihom ir-rikorrent ippresta s-servizz lavorattiv tiegħu lil Tas-Sold Construction Ltd.

Ġie a konjizzjoni tar-rikorrent, illi l-kumpanija tas-Sold Construction Ltd., ssottomettiet il-formula ta' terminazzjoni fi-ħdan l-Agenzija Jobsplus minghajr l-approvazzjoni u l-qbil ta' John Fenech, fejn id-data tat-terminazzjoni hija waħda erroneja u hija bil-wisq iktar erronjea u ta' preġudizzju serju r-raguni moghtija għat-terminazzjoni *de quo*, liema terminazzjoni hija kompletament qarrieqa u abbużiva.

Is-Socjeta' Intimata tramite l-Avukati Andrew Grima u Noella Scriha jeċepixxu bir-rispett permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Kaz ta' Emanuel Buhagiar, detentur tal-karta tal-Identità 530762M għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Socjeta' Intimata Tas-Sold Construction Ltd li:

John Fenech kien impjegat tas-socjeta' Intimata ghal tlettax i-sena u dan bhala labourer fl-industrija tal-kostruzzjoni tal-bini. Gara li fis-sena 2022 kien hemm kambjament għall- agħar fl-imġiba u l-attitudni tar-rikorrent fis-sena li r-rikorrent deherlu li seta' jitfacca ghax-xoghol meta jrid u kif irid. Il- verzjoni li qieghed jaghti r-rikorrent fl-affidavit tieghu pprezentat lill-intimata hija inveritiera u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-proceduri, illi jibda billi jinghad li-is-socjeta' intimata hija mmexxija minn direttur wiehed, cioe' l-esponenti. Id-decizjonijiet dwar l-ingaggi u t-terminazzjoni ta' l-impieg jiehodhom l-esponenti wahdu u hadd aktar.

Di fatti, kif gja anticipat mis-socjeta' intimata, fis-sena 2022, ir-rikorrent naqas milli jitfacca ghax-xoghol erba' u sebghin (74) gurnata. Ma gewx ipprezentati certifikati ta' sick leave ghal dawn il- granet. Kien hemm drabi wkoll fejn ir-rikorrent talab advance payments fil-paga tieghu u d-direttur esponenti ghenu kif seta'. Kif ser jirrizulta fil-mori tal-proceduri, r-rikorrent deherlu li jitfacca ghax-xoghol nhar it-28 ta' Settembru 2022 u dakinhar intalab jaghmel xi xoghol partikulari. Il-foreman prezenti, cioe' Paul Magri ma kienx kuntent bil-kwalita' tax-xoghol li huwa kien ghamel, il-mod kif sar kien ta' periklu ghal haddiehor, u ghalhekk talbu jerga' jaghmlu mill-gdid. Ir-rikorrent issupervja u telaq u ma regax tfacca ghax-xoghol.

Ftit tal-jiem wara, l-esponenti ghamel kuntatt mar-rikorrenti sabiex jifhem l-intenzjonijiet tar-rikorrent u dan ta l-ahhar ghamilha cara li ma kienx beħsiebu jirritorna għax-xogħol. Kien ir-rikorrent li abbanduna l-post tax-xogħol tieghu u dan kif ser jigi evidenzjat tul il-proċeduri odjerni. Konsegwentement il-talbiet tar-rikorrent John Fenech huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Għaldaqstant in vista tas-suespost is- soċjetà' intimata tirrespingi bis-sahha kollha u fl-intir tagħhom l-allegazzjonijiet tar-rikorrent bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

PROVI u AFFIDAVITS:

Xehdu fost oħrajn: John Fenech (ir-rikorrent), Emanuel Buhagiar, Paul Magri, Melvin Fenech, Jesmond Frendo, Robert Frendo, Anthony Fenech, Elisia Buhagiar, Rebecca Mifsud, Samuel Cortis, Stephen Cortis.

TRATTAZZJONIJIET u SOTTOMISSJONIJIET: (Fil-qosor),

Nota ta' Sottomissjonijiet ta' John Fenech - ppreżentati mill-Avukati Nicolette Schembri u Johann Debono:

Illi fuq bażi ta' probbabilita', l-attur rnexxielu jipprova l-kaz tieghu, fejn huwa jikkontendi li dakinhar tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2022, huwa ġie mkecci ingustament.
Mbilli l-kumpanija intimata tgħid li Emanuel Buhagiar kellu s- setgħa li jkecci, dakinhar tas-7 ta' Ottubru 2022, l-imsemmi Direttur mar għand John Fenech sabiex jiġbor l-ghodda minghandu, Dakinhar ntqal diskors bejn John Fenech u Emanuel Buhagiar in kwantu t-tkeċċija ingusta. Fuq mistoqsija li saret minn John Fenech lil Emanuel Buhagiar, dan jammetti li semmielu l-frażi tal-' frotta hazina'. Ma saret l-ebda talba u /jew appell kif jgħid Emanuel Buhagiar sabiex John Fenech jerga' jmur lura għax-xogħol, hekk kif dakinhar kien hemm żewġ xhieda li semghu id-diskursata kollha, kif jixhdu, ossia Rebecca Mifsud, illum Fenech hekk kif hija mart l-attur u sieħbu Samuel Cortis.

Irid jiġi mfakkar illi Pawlu Magri, saħansitra mar u holoq kommossjoni u paniku tant li offenda lil Rebecca Mifsud u John Fenech u saħansitra instigahom ghall-glied u sabiex jirrapurtawh, stante li kien ben konxju ta' x'kien qiegħed jikkawza u dan wara dak li sehh fuq il-post tax-xogħol versu John Fenech nhar it-28 ta' Settembru, 2022, dakinhar fejn Pawlu keċċa definittivament lil John Fenech wara tlettax-il-sena jaħdem ma' tas-Sold Construction Ltd, fejn kien anke' jikkomunika l-attur ma' Periti fuq il-lant tax-xogħol fl-assenza ta' Pawlu Magri. Kien hemm drabi li Pawlu Magri ġieli kecca haddiema fuq il-lant tax-xogħol izda wara kien imur lura għalih bhal fil-kaz ta' Robert Frendo.

Ix-xhud Emanuel Buhagiar jixhed li huwa qal lill-attur 'BIX-XHIEDA' sabiex jaħdem in-notice u li ma kienx qed ikeccieh lill-attur, iżda minkejja li xehed b'ġurament li dan il-kliem qalu bix-xhieda, ma kien hemm ebda xhud li ġie

mharrek mill-kumpannija Tas-Sold Construction Ltd, li kkorrobora din il-verzjoni tad-direttur. Min-naħa l-oħra, il-verzjoni tal-attur ta' dak il-qallu d-direttur nhar is-7 ta' Ottubru, 2022 tinsab korroborata minn żewġ xhieda, ossia Rebecca Mifsud u Samuel Cortis li huma xhieda kredibbli ta dak li s'sehh f'dak il-jum. Emanuel Buhagiar jixhed kif huwa ma bagħat xejn bil-miktub lil John Fenech u lanqas sejjaħ meetings meta kien jaf bis-sitwazzjoni serja li kienet nħolqot abbazi ta' dak li kien gara nhar il-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru, 2022 u dan minkejja li John Fenech kien spjegalu li Pawlu Magri ha dik it-tip ta' decizjoni u mizura dakinhar li keccieh.

Fl-affidavit guramentat tal-attur, huwa jispjega b'mod mirqum sewwa sew u ezattament kif graw l-affarijiet dakinhar tat-28/9/2022, u meta wiehed iqabbel l-ispjegazzjoni kif dettata minn John Fenech ma' dik moghtija mill-haddiema tal-kumpanija intimata, huwa car li ma hemmx dettalji u precizjoni. Waqt il-kontro-ezamijiet ta' Jesmond Frendo u Robert Frendo, dawn jammettu li dak li sehh in kwantu l-extension kien li John Fenech innifsu kien qabad u ghamel jew ahjar gholla l-extension sabiex il-gaffa tkun tista' tghaddi u jkun hemm l-element necessarju ta' sigurta' u propju malli dan waqa' li Pawlu Magri qabad jghajjat u jgholli lehnu mal-attur, in linea ma' kif jixhed huwa stess fl-affidavit tieghu. Fl-affidavit tieghu John Fenech fost affarijiet ohra jghid li *"nghid li Paul Magri kompla jghajjat iktar u beda jghidli illi jekk jiena kont gbajt, kelli nitlaq………… Magri gie jigri hdejja u nfexx jghajjat u jixher u qalli biex jekk gbajt nitlaq u mal-ewwel dawwar id-diskors u qalli "Anzi itlaq. Bik u minghajrek xorta nahdem! Paul Magri kien qalli ukoll biex il-vann tax-xoghol inhallih hemm u biex inhalli wkoll ic-cwievet tieghu"*.

Il-kumpanija intimata tagħmel accenn fuq il-fatt li John Fenech ma attendiex għax-xogħol ghal numru ta' ġranet, li pero', numru minnhom kienu parti mil-leave *entitlement* tal-attur u numru ieħor ta' ġranet, kif johrog bic-car mid-dokument ipprezentat a fol. 102 sa fol-105, kienu ġranet unpaid, fejn l-attur saħansitra pprezenta sensiela ta' messaġġi telefonici li huwa kien dejjem jibgħat lil Paul Magri, jgħarrfu li ma setax jattendi għax-xogħol u kif jidher u jirriżulta mill-istess, Paul Magri kien iwieġbu u jghidlu 'ok'.

Pawlu Magri dwar John Fenech in kontro-eżami jenfasizza li hu qatt ma qal li John Fenech kien jiskarta. *"Jien qatt m'għidt li kien jiskarta. Kien jiġi ghax-xoghol li jaghmel jithallas, u dak hu".* Paul Magri ikompli jgħid li qatt ma kien hemm problemi fuq ix-xogħol li ppresta John Fenech lill-kumpannija intimata.

Ċertu ħaddiema tal-kumpanija Tas-Sold Construction Ltd saħansitra xehdu kif ma kienetx haga ġdida li Pawlu Magri jatteggja ruħu b'aggressivita' u b'għajjat mal-lavranti u b'hekk dan ukoll hareg car dwar it-tip u l-atteġġjament li jaddotta u jħaddem l-Imgħallem Pawlu Magri mal-ħaddiema.

TRATTAZZJONI TAL-AVV. ANDREW GRIMA:

Dan huwa każ semplicissimu ta' impjegat illi ma kellu l-ebda interess fix-xogħol li kellu. Huwa kien għadu kif ha kazin, għamel sena minn Jannar sa Settembru 2022 ma resaqx fuq il-lant tax-xogħol ghal wiehed u disgħin gurnata ghal ragunijiet varji. Għandek impjegat li jmur il-każin flok ghax xoghol. Pawlu Magri, l-iktar wieħed li seta jitkellem, jgħid li dment li jidħol jaghmel ix-xoghol kien jagħmlu tajjeb, pero' l-attitudni tiegħu lejn l-ahhar ma kienitx tajba. Ovvjament għax ma kellux interess iktar jersaq lejn ix-xogħol. It-teorija illi John Fenech ipprova jdahhlilna f'mohhna illi ridna nkeccuh hija totalment żbaljata. Fl-affidavit tiegħu, John Fenech jghid illi kien jibgħat messagg filghodu u Paul Magri kien jgħidli 'ok'. Jiena rajthom il-messaġġi. M'hemmx wieħed u disghin messagg, it-tieni u din John Fenech jafha, Paul Magri m'huwiex id-Direttur tas-soċjetà' intimata.

John Fenech isemmi t-tfajla tqila biex minghalih jiġbed is-simpatija ta' dan it-Tribunal. John Fenech qatt u qatt ma qal lil Paul Magri, miniex ġej u dan xehdu Paul Magri in kontro-eżami fuq domandi tal-kollega Schembri. John Fenech qatt ma qal lil Paul Magri, jien m'iniex gej minhabba t-tfajla. Kien hemm darba, John Fenech qed isemmieha, dakinhar tat-28 ta' Settembru li qallu, għada ma nistax nigi għax irrid inwassal it-tfajla li hija tqila. Jgħid illi Paul Magri pastaż, li jitkellem b'mod pastaż, arroganti u jiggieled man-nies. Hija t-teżi li John Fenech jipprova l-hin kollu jħambaq fuqha. Dan it-Tribunal seta' jifhem waqt kontro-eżami x'tip ta' karattru huwa Paul Magri. Forsi m'huwiex l-iktar mirqum u jista' jkun wiehed jghid li huwa sottili, però' li tghid li huwa bniedem pastaż u li jghajjat għalxejn huwa naqra 'going oltre'.

Dwar dak li gara fit-28 ta' Settembru, 2022, Paul Magri staqsa lil John Fenech, isma orbtu dak l-extension ħabba l-gaffa ghax iweggalna xi ħadd. John Fenech serrhu ma' biċċa injama. Dan kulħadd ikkorrabora din it-tezi. Waqa l-extension, Paul Magri qallu, isma dak l-extension poġġih sew. Kien hawn illi John Fenech m'għoġbux illi qallu, isma l-extension wahhlu sew, qabad u sabbat it-travett. Seta' weġġa lin-nies, beda

jgħajjat miegħu, iva bla dubju. X'ma tghajjatx miegħu u tgħidlu, isma jekk ma jogħġbokx, itlaq. Dik tkeċċija? Mhux tkeċċija.

Issa dwar l-attendenza tkellimna fit-tul. Dwar id-danni. Ovvjament jiena sal-lum il-gurnata għad irrid nara xi forma ta' prova dwar id-danni, jiġifieri anke, jekk dan it-Tribunal kellu jiddeċiedi li kien hemm tkeċċija li, fl-umli opinjoni tagħna, kien hemm rizenja ċara, John Fenech, fl-ebda mument ma ressaq l-ebda prova dwar id-danni li sofra. Tant hu hekk illi jien kont nistenna li jippreżenta t-tax returns tieghu mill-każin, mill-introjtu li ghandu fil-każin.

L-Avv. Andrew Grima: Jiena rajt in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kollega. Inzid illi hawn jittratta ta' impjegat illi iddeċieda propju illi jabbanduna l-post tax-xogħol f'kuntest ta' sitwazzjoni mhux sostenibbli illi jitfacca x-xogħol meta jrid. Il-kollega tikkwota per eżempju l-impjegat iehor biex tissostanzja l-fatt illi Paul Magri kien ikeċċi in-nies, meta tela' jixhed id-direttur jghid, isma', jiena niddeciedi min jitkeċċa u min le, U r-rikorrent jipprova jagħmel il-punt li Paul Magri kien ikeċċi.. n-nies. U jikkwota xhieda ta' Robert Frendo. L-ewwelnett Robert Frendo huwa distint minn John Fenech. Jiġifieri x'gara lil John Fenech huwa totalment irrelevanti għal dak li gara lil Robert Frendo………… Meta għandek impjegat li m'ghandux interess li jmur għax-xogħol, jabbanduna l-post tax-xoghol, iva m'hemmx x'tghid, frotta ħażina…. Hawnhekk għandek black on white mpjegat illi m'għandu l-ebda interess fuq il-post tax-xogħol

Avv. Nicolette Schembri: Jiena nissottometti li hawnhekk m'hu veru xejn każ li kien hemm nuqqas ta' interess u abbandun mill-post tax-xogħol minn naha tal-attur. L-attur li kien ilu tlettax il-sena mpjegat mal-kumpanija. Kien fdat tant illi kien mogħti vann li dejjem seta' jsuqu u kien jieħu hsiebu hu u dejjem kien hemm relazzjoni li kienet tajba, qatt ma kellu ebda warnings, qatt ma kien hemm l-ebda problematici. Tant hu hekk illi lil Pawlu Magri kull darba li ma setax jattendi, kien hemm il-messaġġi permezz tal-SMSs.

Avv. Andrew Grima: Mela issa ikkwota inti t-traskrizzjoni tal-klijent tiegħek stess, jghid mhux dejjem kont nibghatlu.

Avv. Nicolette Schembri : Jammetti fix-xhieda tiegħu wholl Pawlu Magri illi iva kien jibghatli John Fenech li ma setax jattendi għax-xogħol…… kien jaf ukoll bis-sitwazzjoni tiegħu, kien jaf ukoll bil-każin, kien jaf ukoll li l-mara kienet tqila, kien hemm ukoll appuntamenti l-isptar li kellu jattendi magħha. Qatt ma kien hemm problemi l-għala m'attendix…… Pawlu Magri għal kull messagg illi bagħat John Fenech lilu fejn qallu, ma nistax nattendi għaliex tah ukoll dejjem r-raġunijiet, Pawlu Magri dejjem baghtlu okay.. Qatt ma kien hemm  problema.

Avv. Andrew Grima: Ma ninsewx illi l-bażi illi fuqha John Fenech sejjes il-kaz kollu, hija t-tkeċċija ta’ Paul Magri. Jgħid li Paul Magri keċċieh.

Avv. Nicolette Schembri: Ix-xhieda kollha  meta xehdu x’gara dakinhar, ma naqbilx li kkonfema t-teżi tal-kumpanija. Ovvjament naħseb l-iskop kien dak, però’ ma garax hekk. Ma kkonfermawx it-teżi tal-kumpanija u kollha sostnew u qablu ma’ ċertu kliem, attitudnijiet u l-atteġġjament li sehh dakinar min-naħa ta’ Pawlu Magri versu John Fenech.

KUNSIDERAZZJONIJIET

Il-kompitu ta’ dan it-Tribunal kien li jiddeċiedi jekk it-terminazzjoni mill-impieg kienitx għal raguni tajba u biżżejjed skond il-ligi. Dan għamlu billi analizza l-fatti kollha u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajjma matul dan il-proċess, u dan, kif ġew sponuti mix-xhieda u bosta dokumenti mill-partijiet u s-sottomissjonijiet u trattazzjonijiet tal-avukati.

Hawn qed nittrattaw każ ta’ tkeccija ta’ ħaddiem li kien ilu tlettax (13) il-sena mal-kumpanija Tas-Sold Construction Ltd. Hekk ir-rikorrenti John Fenech ma kienx xi novizz. Kien ħaddiem ta’ esperjenza kbira u twila tant li l-istess kumpanija fdatlu f’idejh il-vann tal-kumpanija u bosta għodda.

It-tkeċċija tar-rikorrent hija marbuta prinċipalment ma dak li gara fit-28 ta’ Settembru, 2022 meta dakinhar is-Sur John Fenech intalab jagħmel xi xoghol partikulari mill-foreman Paul Magri. Dan ta’ l-ahhar ma kienx sodisfatt bil-kwalità’ tax-xoghol li ir-rikorrent kien qed jagħmel u deherlu li il-mod kif sar ix-xogħol kien ta’ periklu għal haddiehor u ghalhekk talbu jerga jagħmlu mill-gdid. Kif xehdu il-bqija tal-ħaddiema prezenti, l-atmosfera kienet waħda ta’ tensjoni u ntqal diskors bejn il-foreman u ir-rikorrenti li ma kienx jixraq li isir bejn żewġ kollegi li kien ilhom jaħdmu flimkien snin twal. Telgħet it-tempra u l-atmosfera saħnet. Dan it-Tribunal huwa konvint illi d-diskors u l-atteġġjament ta’ Paul Magri fil-konfront tar-rikorrent kien ċar: Magri kien qed ikeċċih mix-xogħol *on the spot*. Jekk Magri kellux is-setgħa jaqbad u jkeċċi ħaddiem jew le huwa irrelevanti fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Dan għaliex il-kumpanija qatt ma reġġgħet lura b’xi mod dak li kien għamel Pawlu Magri. Anzi mhux talli ma ippruvatx tirranġa b’xi mod mar-rikorrent John Fenech jew għal anqas tagħtih ċans illi jispjega x’ ġara f’dik il-ġurnata tat-28 ta’ Settembru 2022, imma saħansitra baqgħet issostni illi Pawlu Magri kien korrett fl-aġir tiegħu. Għalhekk ir-raġuni tiddetta illi għal kull bon fini l-kumpanija ikkonvalidat u ikkonfermat dak kollu li

għamel Pawlu Magri inkluż it-tkeċċija. Għaldaqstant il-kumpanija intimata ma tistax tistaħba wara l-fatt illi tkeċċija, għalkemm evidentament saret fis-saħna tad-demm, kienet pjenament kondiviża u irratifikata minnha.

F’dan ir-rigward it-Tribunal ma jistax ma josservax illi tkeċċija mix-xogħol għandha tkun *‘the very last resort’*. U jekk issir tkeccija, din ghandha issir wara li l-persuna koncernata tinghata kull opportunita’ li tinghata smiegh kif jixraq, imparzjali, u li tiddefendi ruhha, anke jekk hemm bzonn b’ghajnuna legali. Fil-kaz ta’ John Fenech, dan qatt ma sar u it-Tribunal iqies l-atteggjament minn naha tas-Socjeta’ Intimata versu r-rikorrent bhala nuqqas serju. It-Tribunal jinnota wkoll li r-rikorrent qatt ma nghata xi twissija verbali jew bil-miktub speċjalment fejn għandu x’jaqsam in-nuqqas ta’ attendenza tar-rikorrent fuq il-post tax-xogħol kif lamentat mill-kumpanija intimata. It-tkeċċija għalhekk kienet iċċentrata kompletament fuq dak li ġara fit-28 ta’ Settembru 2022.

DECIDE:

Għaldaqstant it-Tribunal, wara li eżamina u evalwa d-dikjarazzjonijiet ta’ dan il-każ flimkien mal-provi miġjuba, jiddeċiedi li r-rikorrent is-sur John Fenech ma kienx jistħoqqlu jiġi terminat mill-impieg u bil-mod kif attwalment ġara u għalhekk iqis it-tkeċċija mill-impieg bħala nġusta. Minħabba f’hekk hemm lok li jingħata kumpens, li għandu jithallas mis-socjeta’ intimata lir-rikorrent fi żmien xahar mid-data ta’ din id-deċiżjoni.

It- Tribunal ha in konsiderazzjoni xi introjtu li ir-rikorrent seta rċieva mill-kazin li hu kien jieħu ħsieb u għalhekk qiegħed jistabbilixxi kumpens ta’ Sebghat elef u ħames mitt euro (7,500 euro)

Għal finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tal-partijiet, dawn qed jiġu iffissati fl-ammont ta’ tlieta u disgħin euro u sbatax il-ċenteżmu (93.17 euro). B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

(Iffirmat)

Is-Sur John Bencini B.A. (Hons), Lic. Phil., M.O.M.

Chairperson